# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Giovanni M Grixti LL.M., LL.D

Appell Nru. 179/2017

**Il-Pulizija**

**vs**

**Christian Mifsud**

Seduta tat-12 ta' Gunju, 2017

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni dedotti kontra l-appellant, Christian Mifsud, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 77887M quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fix-xhur ta' Gunju, Lulju, Awwissu u Settembru 2016 f'dawn il-Gzejjer b'diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti, kisru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, dawn l-atti jitqiesu bhala reat wiehed imsejjah reat kontinwat (Kap 9 Artiklu 18) naqas li jaghti lil Dorianne Cauchi, is-somma ffissata minn dik il-Qorti jew stipulata fil-kuntratt bhala manteniment ghal uliedu u/jew martu fi zmien hmistax-il jum minn

dak il-jum li fih, skond l-ordni jew dak il-kuntratt kellha tithallas is-somma (Kap 9 Artikolu 338(z));

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tat-3 ta' April, 2017 li biha, wara ammissjoni, sabet lill-appellant hati tal-imputazzjoni dedotta kontra tieghu w ikkundannatu ghal xahrejn prigunerija sospiza ghal sentejn ai termini l-Artikolu 28A tal-Kap 9 kif ukoll ordnat l-hlas ta' €1,120 fi zmien xahrejn ai termini tal-Artikolu 28H tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat ir-rikors tal-appell ta' Christian Mifsud, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fil-11 ta' April, 2017, li permezz tieghu talab lil din il-Qorti tirriforma s-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali per Magistrat Dr. A. Vella tat-3 ta' April, 2017 billi, filwaqt li tikkonferma l-htija ta' l-appellant, tirriformaha u tvarjha in kwantu l-piena billi minflok il-piena nflitta tissostitwixxi ghall-istess piena aktar ekwa u gusta ghal kaz odjern;

Rat l-aggravji tal-appellant;

Semghet lill-parte civile bil-gurament;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Ikkunsidrat:

1. Illi l-appell odjern jirrigwarda biss il-piena kominata mill-Ewwel Qorti fuq il-gravami illi x-xaharejn zmien impost mill-

Ewwel Qorti sabiex ihallas il-manteniment ma kienx sufficjenti ghaliex kien jirrikjedi almenu tlett xhur biex jottempera ruhu u ghalhekk hemm lok ghal temperament fil-piena;

2. Madankollu, l-parte civile ddikjarat li l-appellant ottompera ruhu wara li inghatat s-sentenza appellata;

3. Issa ghalkemm mhux normali li din il-Qorti bhala Qorti ta' Appell Kriminali tiddisturba d-diskrezzjoni tal-Ewwel Qorti kwantu l-piena erogata, kif del resto jirrikonoxxi ukoll l-appellant, madanakollu l-iskop tal-legislatur kif espress fl-artikolu 338(z) tal-Kodici Kriminali intlahaq proprju bid-dikjarazzjoni ta' hlas tal-ammont kollu dovut;

4. Ghal dawn il-motivi, u f'dawn ic-cirkostanzi, tilqa' l-appell u tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt illi tikkonfermaha f'dik il-parti li biha sabet lill-appellant hati tirrevokaha f'dik il-parti fejn ikkundannatu ghal-terminu ta' xaharejn prigunerija sospizi ghal-sentejn fit-termini tal-artikolu 28A tal-Kodici Kriminali kif ukoll li ordnatlu jhallas l-ammont ta' €1,200 fi zmien xaharejn skond l-artikolu 28H tal-Kodici Kriminali u minflok tikkundannah ghal-piena ta' hamsa u ghoxrin euro (€25) ammenda.